# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 60/2022**

**360 RETAIL SUPPLIES LTD**
**(C 64900)**

*VERSUS*

**MARCO NUNZIO AEILLO**
**(AX 7536249)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-28 ta' Frar 2022 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut ihallas l-ammont li ma jeccediex il-hamest elef Ewro (Eur 5000) rapprezenanti kemm danni minhabba ksur kontrattwali u rifuzjoni ta' spejjez ta' tahrig skond il-kuntratt t'impieg relattiv. Bl-Ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta fid-9 ta' Gunju 2022 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li huwa mhux responsabbli ghal xi danni.

Ra illi minkejja illi mis-seduta tat-23 ta' Gunju 2022 il-procediment sar bil-lingwa Ingliza, d-difensuri tal-partjiet qablu fl-ahhar seduta tas-16 t'Ottubru 2023 sabiex it-trattazzjoni finali u s-sentenza jsiru bil-lingwa Maltija.

Ra d-dokumenti prezentati;

Sema x-xhieda ta' Jonathan Sciberras, Louis Buhagiar, Mark Schembri, Paul Borg u tal-konvenut;

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri;

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza;

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun ghaqli li ssir sintezi tal-provi prodotti.

Illi d-direttur tas-socjeta attrici Jonathan Sciberras xehed permezz ta' affidavit (Fol.29) illi huwa kien impjega lill-konvenut bhala draughtsperson. L-iskop kien li isir kejl tal-postijiet tal-klijenti, jiddizinja xkaffar u xoghol iehor li jkun ser jigi kkwotat lill-klijent. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici jghid illi l-konvenut *"ma kellux l-esperjenza u l-kapacitajiet necessarji biex jaghmel dan ix-xoghol mill-ewwel. Ghalhekk kien jahdem that is-supervizjoni tal-Perit . .".* Ix-xhud ighid illi gie kkalkulat illi t-training li ha l-konvenut kien jiswa Eur 5000.

In kontro ezami fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2022, Jonathan Sciberras ighid, illi kien hu stess li ghamel l-interview lill-konvenut. Mistoqsi direttament kif giet stabbilita c-cifra ta' hamest elef Ewro bhala tahrig, ix-xhud iwiegeb illi din giet diskussa mal-Perit u ma' l-Operations Manager Paul Borg. Meta gie mistharreg n-numru ta' sieghat li gew dedikati lill-konvenut, fuq numru ta xhur, min-naha tal-Perit u tax-xhud stess, gie konkluz illi Eur 5000 kienet ic-cifra li giet investita fil-konvenut. Ix-xhud a Fol 32 jispejga t-tahrig fiex kien jikkonsisti.

Ix-xhud jispjega illi rizultat ta' dan it-tahrig, il-konvenut kien ipprogressa fil-hiliet tieghu u sahansitra anke ha zidiet fil-paga. Jghid ukoll illi l-Perit kien il-Head of Department.

Jonathan Sciberras bhala direttur tas-socjeta attrici jghid illi hemm zewg aspetti li gew miksura mill-konvenut:- rifuzjoni tal-flus li intefqu anke bhala hin sabiex il-konvenut gie imharreg kif ukoll illi l-konvenut kien projbit milli javvicina klijenti tas-socjeta attrici u jimpjega ruhu maghhom.

L-istess xhud xehed in ezami fis-7 ta' Dicembru 2022, fejn ipprezenta l-kalkoli li bihom wasal ghall-ammont ta' Eur 5000. Dawn il-kalkoli inhadmu mix-xhud stess flimkien ma' l-accountant. Il-kalkoli gew mahduma fuq erbgha gimghat tahrig ma' impjegati fosthom perit iehor u erbgha gimghat ohra mal-Perit li jammontaw ghal Eur 4229.24 u l-bilanc talli ssolecita klijenti tas-socjeta attrici. Ix-xhud ipprezenta wkoll payslips kemm tal-Perit Mandarino kif ukoll tal-konvenut.

Ghal darb ohra konto ezaminat, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici jghid illi l-ammonti tal-kalkoli huma pagi tal-Perit Mandarino inkluz il-hlas tal-bolla. (Fol.38B). Fuq numru ta' sieghat, ix-xhud ighid, "*What I am saying is that he was trained for 160 hours, however not consequently in four weeks. He was trained on a period of months. When we sum up an indication of the training needed for Mr. Aeillo we summed up that it was for 4 weeks. .. it was more than that but we have limited the amount to be fair*." Mistoqsi direttament kif inzammu s-sieghat, ix-xhud wiegeb, "*We did not keep any records specifically of the hours. . .*" (Fol.38C) L-ammont ta' 160 siegha kien biss estimu.

Fir-rigward ta' l-ammont ta' Eur 903.85 kalkolati ghal ksur tal-kuntratt, ix-xhud ighid illi din giet ikkalkolata fuq gimghatejn paga, a bazi tal-perjodu sakemm is-socjeta attrici ghallmet lil xi had minflok il-konvenut.

Fit-28 ta' Frar 2023 xehed Louis Buhagiar li elenka l-job history tal-konvenut. Xehed ukoll Mark Schembri li huwa developer u li ghandu diversi kumpanniji u li l-konvenut huwa impjegat tieghu. Il-kariga tal-konvenut max-xhud hija ta' Interior Designer u ilu jokkupa tali kariga sa mill-2022.

Paul Borg impjegat tas-socjeta attrici xehed permezz ta' affidavit, fejn ighid li xogholu huwa li jghaddi informazzjoni ta' x ikun hemm bzonn jintrama flimkien ma' pjanti sabiex tkun tista tohrog stima. Ix-xhud ighid, illi l-konvenut ma tantx kellu esperjenza meta dahal jahdem mas-socjeta attrici u kien jarah ta spiss jikkonsulta mal-Perit Mandarino.

Il-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit li jinsab a Fol.81. Huwa jghid illi ggradwa f'Catania bhala Architect and Civil Engineer. Kien gie Malta u sab xoghol mas-socjeta attrici fi Frar 2020. Qabel beda xoghol, kien sahansitra ghamel xi testijiet li tah il-Perit Mandarino, li huwa jghid li kienu hfief ghalih. Il-konvenut ighid illi huwa qatt ma inghata tahrig, anzi kien jinghata xogholjiet differenti mill-ewwel. Il-konvenut jelenka diversi episodji fejn juri li kien qed jahdem wahdu u sahansitra li fi zmien il-pandemija tal-Covid-19, is-socjeta attrici kienet itterminat l-impieg ta' kollega tieghu u mhux tieghu minkejja li kien dahal l-ahhar.

Wara madwar sena u disgha xhur, il-konvenut sar jaf li Mark Schembri kellu bzonn draughtsperson u kien offra lill-konvenut paga ahjar milli kellu mas-socjeta attrici. Il-konvenut kien tkellem ma' Jonathan Sciberras u infurmah bl-offerta li kellu u dan ta' l-ahhar kien talbu sabiex ma jitlaqx mix-xoghol. Fil-fatt il-konvenut, kien irrifjuta li jmur jahdem ma' Mark Schembri. Ftit tax-xhur wara, Mark Schembri offra impieg ta' interior designer lill-konvenut li accetta li jbiddel l-impieg.

Il-konvenut ighid illi Jonathan Sciberras ma riedux jitlaq u ghamel minn kollox biex ma jhallihx jitlaq, izda minkejja dan, huwa hadem il-perjodu tan-notice u ttermina l-impieg.

Fil-kontro ezami tat-28 ta' Gunju 2023, il-konvenut ighid illi x-xoghol rikjest minnu mas-socjeta attrici kien facli mhux biss ghax kien hemm il-Perit izda ghaliex dak li tghallem seta jhaddmu mas-socjeta attrici. Il-konvenut ighid illi l-Perit bhala manager tieghu, kien jiccekkja x-xoghol li kien jipprepara.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija kawza li l-fatti taghha huma semplici – il-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici bhala draughtsperson kif jidher car a fol.4 u li wara li ddecieda li jittermina l-impieg tieghu, gie rinfaccat b'kont ta' Eur 5000 ghal tahrig li kien inghata u ghal ksur tal-kuntratt.,

Is-socjeta attrici ghamlet talba ghal likwidazzjoni ta' flus li ma teccediex il-Eur 5000 ghal tahrig li inghata stante illi l-konvenut telaq fl-ewwel sentejn ta' l-impieg tieghu.

It-Tribunal ra l-kuntratt ta'impieg li bih gie impjegat il-konvenut. Tali kuntratt ta' impieg kien ghal zmien indefinit b'perjodu ta' 6 xhur bhala probation. Illi b'mod evidenti johrog car illi s-socjeta attrici ma utilizzatx iz-zmien tal-probation sabiex tittermina l-impieg tal-konvenut u dan ifisser illi ma kien hemm xejn li qed idejjaq lill-istess socjeta attrici mix-xoghol tal-konvenut ghaliex kieku kienet tutilizza dan il-perjodu biex tittermina l-impieg.

Illi l-konvenut kien marbut fil-kuntratt ta' impieg, fi klawsola 14, illi: -

*"Should the employment be terminated for whatever reason, therefore should the Employee be terminated, resign or made redundant, the Employee obliges himself to reimburse the Employer all costed expenses relating to training, both on the job and off the job training, should the said termination, resignation or redundancy occur within two (2) years from the last day of the particular training. The Employee obliges himself to complete such reimbursement within six months from the date of termination, resignation or redundancy."*

Illi dinil-klawsola tfisser illi kemm-il darba l-konvenut ma jibqax impjegat ghal kwalunkwe raguni, huwa ghandu jhallas lura l-flejjes li jkunu intefqu ghat-tahrig tieghu. Illi din il-klawsola tipprovdi s-segwenti kundizzjonjiet:-

a. Illi l-konvenut ma jibqax impjegat
b. Illi tali twaqqif ta' l-impieg irid isehh fi zmien sentejn mill-ahhar darba li jkun inghata t-tahrig
c. Illi t-tahrig jigi 'costed'

Illi dan it-Tribunal mhux ser joqghod jezamina jekk il-konvenut kienx kapaci fix-xoghol illi intaghazel ghalih, ghaliex il-fatti tal-kaz juru car, illi l-konvenut kien kwalifikat u li s-socjeta attrici kienet kuntenta bil-hiliet tieghu, l-ewwel ghaliex ghazlitu, konfermat l-impieg tieghu wara l-probation kif ukoll illi c-certifikati tal-konvenut jixhdu dan kollu.

Illi xorta jibqa l-fatt illi impjegat f'impieg gdid ikollu bzonn ta' tahrig sabiex jesegwixxi l-impieg gdid tieghu kif mitlub mis-superjuri. Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi l-konvenut inghata xi tip ta' tahrig. Galadarba l-konvenut irrizenja mill-impieg, dan it-Tribunal ser jezamina jekk jezistux l-kundizzjonijiet kollha sabiex il-konvenut jirrifondi l-flejjes li ntuzaw ghat-tahrig.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal irrisskontra certu diffikultajiet. Jibda biex jinghad illi l-konvenut telaq mill-impieg sena u ghaxar xhur mill-bidu ta' l-impieg u allura l-perjodu jaqa fil-parametri tal-klawsola ghar-rimbors tat-tahrig. Izda matul ix-xhieda prodotta, fl-ebda stadju ma gie specifikat x tip ta' tahrig inghata u l-perjodu. Il-provi migjuba mis-socjeta attrici kienu vagi u generali u jghidu biss li l-Perit u d-direttur Jonathan Sciberras kienu jqattghu hafna hin mal-konvenut. Fl-istess waqt ma ngiebet l-ebda prova tas-sieghat jew granet jew it-tip ta' tahrig li kien qed jinghata l-konvenut.

Illi lanqas gie provdut il-'costs' tat-tahrig kif tistabilixxi l-klawsola 14 tal-kuntratt. Is-socjeta attrici ipproduciet l-pagi tal-Perit, inkluz il-hlas tal-bolla, u kkalkulat din il-paga fuq medda ta' 160 siegha, minghajr ma jezisti kont ta' dan in-numru ta' sieghat. It-Tribunal jemmen li din ic-cifra u ghaldaqstant il-mod ta' kif fix-xhieda ta' Jonathan Sciberras spjega kif wasal ghal din ic-cifra hija totalment kalkolu ivvintat sabiex iwassal ghal massimu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal minghajr l-ebda prova tangibbli ta' l-ammonti reklamati.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi, filwaqt li l-konvenut telaq mill-impieg qabel sentejn u li inghata xi tip ta' tahrig jew ossia gwida, partikolarment fil-bidu ta' l-impieg tieghu, s-socjeta attrici ma' gabet l-ebda prova tat-tip ta' tahrig li kien inghata, la sieghat li verament inghataw bhala tahrig u lanqas kemm gie jiswa tali tahrig. Ghaldaqstant dawn in-nuqqasijiet kollha min-naha tas-socjeta attrici irendu t-talba taghhom bhala mhux sufficent ippruvata f'dak li ghandu x jaqsam rimbors tat-tahrig.

Illi s-socjeta attrici ressqet ukoll talba ghal kumpens minhabba ksur tal-kuntratt min-naha tal-konvenut u cioe tal-klawsola numru 8 li tghid: -

"*The Employee binds himself and agrees that he will not for a period of twelve (12) months following the termination of his employment, either on his own account or for any other person, directly or indirectly, solicit, interfere with or endeavour to entice away from the employer any person who to his knowledge is or has during the past twelve month prior to the termination of his employment been a client or customer of the Employer*."

Il-konsegwenza ta' tali ksur tistabilixxih l-istess klawsola 8 li tkompli: - "

"*Should the employee be in default of this clause the Employer is hereby warning the Employee that he will sue the Employee both civilly and criminally for any damages that may accrue*."

Is-socjeta attrici attribwit l-ammont ta' Eur 903.85 bhala danni ghal dan il-ksur tal-kuntratt u cioe ghaliex skond is-socjeta attrici, l-konvenut kien f'diskussjonjiet u eventwalment mar jahdem ma' klijent taghha.

Illi ghal darb'ohra anke f'dan ir-rigward, it-Tribunal ma ntwera l-ebda prova ta' kif is-socjeta attrici waslet ghal danl-ammont ta' danni. Mid-dicitatura tal-klawsola 8, huwa car illi s-socjeta attrici ghandha dritt li tfittex lill-konvenut ghad-danni kkawzati. Minkejja dan, is-socjeta attrici ma gabet l-ebda prova tad-danni u wisq inqas allura ta' kif l-ammont mitlub, parti minn somma ikbar, jirrifletti d-danni. Mix-xhieda ta' Jonathan Sciberras, inghatat l-impressjoni illi wara li kkalkula dak li skond hu jistghu jitqiesu bhala rifuzjoni ghat-tahrig, il-bilanc li kien baqa gie attribwit bhala danni.

Illi t-Tribunal ma jistax jilhaq il-konviciment morali b'dan it-tip ta' tidwir u somom minghajr l-ebda bazi.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzoni fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghed jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talba tas-socjeta attrici, bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tas-socjeta attrci.

**Avv. Duncan Borg Myatt**

Gudikatur